18 ta' Ġunju, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Lorenza Bellia *versus* Carmelo Zammit et.

**Self — Imgħax — Użura — Indebitu — Obligazzjoni Naturali — Art. 693, 696, 728 u 1614 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*L-użura hija kundannata mill-liġi u kunsidrata bħala negozju illeċitu; għalhekk ma tista' qatt tifforma oġġett ta' obligazzjoni naturali.*

*Il-kuntratt ta' użura huwa suġġett għar-rexissjoni.*

*Min jitlob lura l-użura li jkun ħallas ma jkunx qiegħed jeżerċita l-az-*

*zjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu, imma jkun qiegħed jitlob lura flus li huwa ħallas għal kawża ineżistenti għax illeċita u projbita mill-liġi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attriċi, wara li qalet li fil-15 ta' Novembru 1943, il-konvenuti silfuha s-somma ta' £375 bil-patt li hi kellha tħallashom £400 b'rati ta' £50 kull ġimgħa sa l-estinzjoni ta' din is-somma; u li mill-prospett eżibit (dok. A) tirriżulta użura, għax il-konvenuti rċevew £23. 2. 3 aktar mis-somma lilhom dovuta skond il-liġi bħala interessi fuq il-kapital lilha misluf; talbet li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, tiġi dikjarata l-użura fil-ħlas ta' l-interessi u kapital mutwat, u l-konvenuti jħallsuha solidalment is-somma ta' £23. 2. 3 in rifużjoni ta' l-imgħax jiet żejda lilhom imħallsin skond il-prospett fuq imsemmi; bil-lukri legali min-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż; kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Diċembru 1944, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-23 ta' Marzu 1945, li biha ġiet milqugħa t-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Li fuq l-eċċezzjoni l-Qorti tirrileva li l-użura hija kundannata mill-liġi u kunsidrata bħala negozju illeċitu, u għal-hekk qatt ma tista' tifforma oġġett ta' obligazzjoni naturali. U tabilħaqq il-kuntratt ta' l-użura huwa suġġett għar-rexissjoni (art. 1614 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868). Għaldaqstant l-użura li rċevew l-imħarrkin hija ripetibili mill-attriċi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti. u rat il-petizzjoni tagħhom, fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi riġettata t-talba ta' l-attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti qegħdin jilmentaw mis-sentenza appellata billi l-Ewwel Qorti ammettiet ir-ripetizzjoni ta' somma mħall-

sa mill-appellata meta ma kien hemm ebda indebitu fis-sens tal-liġi, għaliex l-appellata ħallset is-somma li talbet lura meta kienet taf li ma kienetx obligata tħallasha; u billi, anki jekk il-flus li hija ħallset jiġu kunsidrati bħala imgħax użurarji, ma hemmx lok għar-ripetibilità tagħhom;

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni eżerċitata mill-appellata hija bażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 1614 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, u mhux dik tar-ripetizzjoni ta' l-indebitu prevista mill-art. 728 ta' l-istess Ordinanza. Il-konvenzjoni affetta b'użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, nulla b'mod assolut, jiġifieri ineżistenti, billi illeċita għaliex projbita mil-liġi (art. 1613, 693 u 696, Ordinanza ċitata); u hija illeċita fir-rigward tal-mutwant (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "Carmelo Lia vs. Emmanuele Genovese" ta' l-4 ta' Marzu 1938). Għal-hekk is-somma mħallsa bħala użura għandha tiġi restitwita lil min ħallasha, u ma tista' qatt tifforma oġġett ta' obligazzjoni naturali;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk miġjubin fis-sentenza appellata;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re fit-23 ta' Marzu 1945; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellanti.